repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

Il-Ministru Byron Camilleri
Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi
201, Triq id-Dejqa
Valletta VLT 1433

9 ta' Ġunju 2020

Ministru,

Issa żżejjed.

Ma nifillħux niskopru iżjed skandlu akbar minn ieħor, jum wara l-ieħor .

Qed noqorbu lejn sitwazzjoni fejn mhux se jkun fadal uffiċjali li jistgħu jinvestigaw il-ħmieġ ta' sħabhom. Wassaltuna fis-sitwazzjoni redikola fejn l-uffiċjali l-għolja qed jaqbdu mal-pulizija ż-żgħir biex jidhru li qed jagħmlu xi ħaġa u l-pulizija ż-żgħir qed jikxef il-borom tal-uffiċjali għolja.

Din hija theddida kbira għal pajjiżna.

Wasalna fi stat fejn minflok li l-kriminali jibżgħu mill-Pulizija, aħna ċ-ċittadini qed nibżgħu minn ħadma bejnkom: bejn il-Gvern, il-Pulizija u l-kriminali.

F'seba' snin kellna 5 kummissarji imexxu l-Korp. Ftit jew wisq ħadd minnhom ma temm il-ħatra tiegħu b'mod naturali.

Dawn l-aħħar ġimgħat qed niskopru stejjer ġodda ta' tnawwir fil-qalba tal-korp, kollużjoni bejn uffiċjali għolja tal-Gvern, uffiċjali għolja tal-Pulizija u kriminali.

Aħna ċ-ċittadin qed nispiċċaw dejjem aktar waħidna. U intom, meta ma tikkolaborawx mal-ħmieġ, toqgħodu ċassi.

Ministru,

Int u sħabek, bis-serjeta' triduna nemmu li Keith Schembri tilef il-mobile? Sibtuh? Jew għadkom qed tfittxuh? Għadkom taċċettaw l-iskuża banali tiegħu li ma jistax jagħtikom il-password tal-computer tiegħu għax fih hemm ix-xogħol tal-Gvern? Mela kemm hu maħmuġ ix-xogħol tal-Gvern li ma jridkomx tarawh u intom tgħattulu?

X'qed tagħmlu biex iġġibu lil Konrad Mizzi lura Malta u tinvestigawh?

55, Triq Melita, il-Belt Valletta, VLT 1120
repubblika.mt@gmail.com

Għalikom mhu xejn li l-Aġent Kummissarju Carmelo Magri jħeġġeġ lill-puliizja biex iżommu sod mal-Partit Laburista li huwa tant iħobb? Daż-żgur li le għax b'hekk moħħkom mistrieħ. Tant hu hekk li ftit ġranet wara ħtartuh imexxi l-Korp tal-Pulizija.

Qed tinvestigaw l-allegazzjonijiet gravi dwar l-eks-Deputat Kummissarju Silvio Valletta?

Qed tinvestigaw l-allegazzjonijiet gravi dwar l-Assistent Kummissarju Ian Abdilla?

Hemm supretendenti u spetturi li telqu mill-Korp b'dell tqil fuqhom. Dawn se jibqgħu għaddejjin? Bis-serjetà li għalikom żifna fuq it-TikTok hija ferm agħar mili tinforma lill-kriminali meta se tarrestahom, tgħidilhom minn qabel x'se tistaqsihom u sserħilhom moħħhom li se titlaqgħom mal-ewwel?

Il-Pulizija ilha 3 snin u 5 xhur, minn Jannar 2017, taħseb jew le jekk tieħux passi kontra Jimmy Magro. Għaliex dan id-dewmien kollu?

Għalhiex qatt ma ħadu passi fuq dak li kixfu l-Panama Papers? Għalhiex qatt ma ħadu passi kontra Keith Schembri meta nqabad jixxaħħam għall-passaporti?

Għaliex il-Pulizija mhix qed tkellem lil Chris Cardona dwar dak li ħiereġ dwaru?

U hemm ħafna iżjed.

Biex inkunu ċari. Aħna ma nemmnux li l-Pulizja kollha huma maħmuġa. Hemm numru ta' pulizija li huma rrabjati li ma jistgħux jagħmlu dmirhom u li uffiċjali sħabhom ħammġu isem il-Korp. Nafu li hemm Pulizja li jħossuhom traduti minnkom u minn sħabhom.

Iżda l-marda li daħħaltu fil-Korp hija gravi. Il-Korp tal-Pulizija jrid jinbena mill-ġdid biex iservi l-ġustizzja u biex jipproteġi liċ-ċittadin waqt li ma jħares lejn wiċċ ħadd.

Ministru,

Mhux kollu tort tiegħek. Dawk li ġew qablek f'dan il-Ministeru għaffġu kemm felħu biex jipproteġi lil sħabhom korrotti. Imma int għandek responsabbiltà wkoll. Il-bieraħ issospendejt lil Lawrence Cutajar. Imma ma nemmnukx li int sirt taf il-bieraħ li Lawrence Cutajar fixkel l-investigazzjoni fuq min qatel lil Daphne Caruana Galizia. Int kont taf dak inhar li aċċettajt ir-riżenja tiegħu minn Kummissarju. U flok ħallejtu jiġi investigat, ipproteġejtu u għamiltu konsulent tiegħu biex ma jmissu ħadd.

Xbajna b'Ministri tal-gvern jipproteġu lill-kriminali. Byron Camilleri, billi issospendejt lil Lawrence Cutajar il-bieraħ mhux biż-żejjed. Inqbadt tkenn pulizija korrott.

**Irriżenja!**

Repubblika.